Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 329 / 2018

Il-Pulizja

(Spettur Spiridione Zammit)

Vs

Robert Galea

Illum 1 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Robert Galea detenur tal-karta tal-identita Maltija 229581 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Frar 2016 ghal habta ta' 11:45 a.m., minn gewwa l-fond Vision Opticians li jinsab fi 350 Triq Haz Zabbar Fgura, ikkommetta serq ta' zewg nuccalijiet tax-xemx tal-ghamla ' Oakley' u ' Rayban' u/jew oggetti ohra ghal valur ta' madwar 427 ewro liema serq hu aggravat bil-valur (mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu) u mezz ghad-detriment ta' Helena Mamo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Ukoll tallli fi zminijet wara l-20 ta' Frar 2016 f' Bormla u/jew dawn il-gzejjer xjentement ilqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew

jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxiehom.

Ukoll talli irrendejt ruhek recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi definitivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti filwaqt li tastjeni mill-aggravju tal-mezz, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261 (c), 267, 279 (a), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hmistax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Robert Galea, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma** s-sentenza u filwaqt illi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:
Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-valur tal-oggetti misruqa ma kienx jammonta ghal iktar minn hames mija, disgha u sittin ewro (€569), u kienu nxtraw minn sid il-hanut ghal nofs dak il-prezz. Skond l-artikolu 267 tal-Kap 9 il-valur misruq ma kienx wisq iktar mill-minimu rikjest mill-ligi biex l-ammont jigi kkwalifikat bil-valur, u l-piena ta' serq ikkwalifikata bil-valur skond l-artikolu 279 (a) tal-Kap 9 hija ' minn hames xhur sa tliet snin prigunerija.' Illi hmistax (15) il-xahar prigunerija tmur oltre l-minimu li setgha jinghata skond il-ligi, u certament mhux ha tghin lill-appellant biex jirriforma ruhu.

Illi l-appellant ghandu bzonn ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li hakmu serjament. Il-Qorti f' pagna 3 tas-sentenza taghha qalet li l-appellant ' ghadu ma hax bis-serjeta' biex jindirizza l-problema li ghandu u dan iwasslu biex jikser il-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija effettiva.' Illi bir-rispett kollu dan huwa ragunament zbaljat ghaliex l-appellant jixtieq li jeghleb il-vizzju tad-droga, izda l-problema hakmitu tant serjament illi sforz li jkun iddisprat ghad-droga jispicca jaghmel ir-reati in kwistjoni. Huwa ghandu bzonn li tinghatalu l-ghajnuna mill-aktar fis possibli u mhux li jintbaghat jiskonta piena karcerarja fejn il-problema tista' taggravalu flok tissolvilu!

Illi l-esponenti appellant ghamel ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. Barra minn hekk huwa dejjem ikkowopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni. Illi bid-dovut rispett, l-appellant jirrileva illi sfortunatament l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx dan fil-konfront tieghu meta giet sabiex tapplika l-piena.

Illi l-Qrati u l-gurisprudenza nostrana dejjem ghalmu li persuna jkollha kemm ikollha kondotta kkulurita ghandha tinghata c-cans li tirriforma, dejjem jekk turi x-xewqa li taghmel dan.

Illi fil-kaz odjern l-esponent qieghed juri x-xewqa illi jirriforma, stante anki li ammetta l-izball li ghamel u rregistra ammissjoni u forsi l-unika imbottatura illi ghandu bzonn sabiex jimxi ' l quddiem f' hajtu hija opportunita mill-Qrati taghna. Ghaldaqstant, ikun ta' detriment kbir ghalih illi jintbaghat il-Facilita Korrettiva ta' Kordin flok jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga li ghandu.

Fil-fatt fis-sentenza Il-Pulizija vs Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, tas-sena 2003, il-Qorti qalet illi:

' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta…Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi wkoll nghataw opportunita' ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru tas-sena 2008, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna

ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi tieghu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation. Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet, reggha' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga…u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet il-Pulizija V. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta lqrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero' , jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' lAvukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma

tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati diversi drabi, l-aspett illi jrid jigi inflitt huwa dak riformattiv u mhux dak retributtiv, kif sfortunatament ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, stante' illi skartat diversi kunsiderazzjonijiet a favur l-esponenti illi setghet hadet sabiex timponi piena aktar lejn l-aspett riformattiv milli dak retributtiv.

Barra minn hekk, l-appellant huwa sfortunatament mahkum mill-vizzju tad-droga u ghalkemm inghata diversi sentenzi fil-passat qatt ma ntbaghat jaghmel programm biex jeghleb dan il-vizzju.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Mejju, 2016 u gie akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-vlaur u bil-mezz u alternattivament tar-reat ta' ricettazzjoni u talli hu recidiv ai terminu tal-artikolu 45, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-eduta tal-20 ta Novembru 2017 il-proekuzzjoni irtirat l-aggravju tal-mezz u ghalhekk baqa' biss l-aggravju tal-valur stante li z-zewg nuccalijiet li huwa seraq kellhom valur komplessiv ta' €427 euros.

Illi nhar l-20 ta' Novembru, 2017 l-appellant irregistra ammissjoni fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr. Mark Cutajar (fol. 88 ta l-atti) fejn talab ukoll in-nomina ta' probation

officer sabiex ihejji *pre-sentencing report* u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika tad-digriet taghha lill-Ufficcju tal-Probation

Illi pero' nhar it-18 ta' April, 2018 l-appellant rega' deher quddiem l-ewwel Qorti u fil-presenza ta' l-avukat difensur tieghu ikkonferma l-ammissjoni tieghu mghamula qabel fil-proceduri izda skont dak li intqal mill-ufficcjal tal-probation Rhona Custo, l-appellant ma kienx interessat li jsir ir-rapport pero' seduta stante quddiem l-avukat tieghu saret talba ohra sabiex dan ir-rapport isir u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika mill-gdid li din l-istess probation officer.

Il-Probation Officer Rona Custo xehdet u pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala dok RC. Din spjegat li l-appellant ghandu diversi kawzi pendent l-Qorti. Qalet li ftit li xejn kellha x'toffrilu ghaliex qisu qat ma kien motivat li jindirizza l-problema tad-droga meta kien qieghed barra l-habs. Fil-fatt, din l-probation officer kienet irrakomandat lil Qorti sabiex l-appellant jinghata piena ta' prigunerija effettiva, fejn f'dan il-perijodu jekk kemm il-darba huwa juri motivazzjoi ikun jista' jinghata l-opportunita' li jsegwi progamm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Dan ghaliex minkejja li huwa diga' inghata diversi opportunitajiet min naha tal-Qorti sabiex jirriabilita' ruhu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita', m'gharafx jisfrutta dawn l-istess opportunitajiet tant li rega' rrepeta l-agir tieghu f'diversi kazijiet. Minbarra dan huwa lanqas gharaf jilqa' l-ghajnuna offruta lilu fir-rigward tal-problema tad-droga matul il-kumpilazzjoni tar-rapport tal-ufficcjali tal-Probation u kien biss wara li beda' jiskonta sentenza ohra ta' prigunerija li tkellem rigward il-bzonn li jindirizza din il-problema.

L-avukat difensur tal-appellant sostna li din il-Qorti ghandha tkun klementi mieghu ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi ghaddew hames snin u nofs minn meta gie kommess ir-reat.
2. Illi l-appellant irregistra ammissjoni u ghalhekk ma inhelewx spejjes pubblici.
3. Illi kif hemm verbalizzat in atti, l-appellant huwa dispost li jghamel tajjeb ghad danni sofferti mill-vittma.

4. L-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna biex jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' abbuz t'a droga .

Fid-difiza tieghu l-appellant ghamel referenza ghas- sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "**<u>il-Pulizija vs Stephen Spiteri"</u>**[1] fejn din il-Qorti ghandha titratta l-piena bhala mezz ta' riforma u mhux bhala mezz ta' retribuzzjoni . Min naha l-ohra l-Avukat Generali oggezzjona ghat-talba tal- appellant sabiex din il-Qorti tkun klementi mieghu u tbiddel is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, principalment ghar-ragunijeti segwenti:

1. Illi l-fatt li l-appellant ghandu probelma ta' abbuza ta' droga m'ghandux ikun raguni sabiex titnaqqas il-piena inflitta mill-ewwel Qorti u dan ghaliex l-appellant diga' inghata diversi opportunitajiet biex jindirizza tali problema izda ma gharafx jisfrutthom.
2. Illi l-antecidenti tal-appellant jidnikaw li l-appellant ma jridx ibiddel l-istil ta' hajtu, izda jrid jippersisti fil-hajja ta' kriminalita' u dan ghaliex huwa m'gharafx jimxi 'l quddiem bid-diversi opportunitajiet li ngahta mill-qrati.
3. Il-fatt li l-appellant iddikjara li lest li jghamel tajjeb ghad-dannu soffert mill-vittma u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017 (fol. 88) ma jfisser xejn, molto piú meta tqis li in effetti ghaddew gia sentejn minn meta sehhet is-serqa u l-vittma ghadha ma gietx kkumpensata minkejja l-ammissjoni tal-appellant.
4. Ili l-appellant dam diversi xhur sabiex jirregistra ammissjoni u ghamel dan **biss** wara li l-prosekuzzjoni kienet gia ghalqet il-provi taghha u l-kawza giet differita ghal provi tad-difiza f'diversi seduti.

Ikkunsidrat,

Dak li hu mistenni ghalhekk minn din il-Qorti fl-appell odjern bl-aggravju appena rikapitat, hu li tezamina l-provvedimenti tal-ligi kolpiti sabiex ikun assikurat li l-piena hekk erogata kienet fil-parametri tal-ligi, tara jekk kienx hemm xi dritt ghat-tnaqqis, la darba si tratta ta' appell tal-imputat, u li ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li l-piena

[1] Ibid

kellha tkun anqas minn dik fil-fatt kominata. Dan ghaliex, kif inhu assodat fil-gurisprudenza in tema, ma huwiex normali li din il-Qorti, qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkunx hemm xi wahda mir-ragunijiet indikati supra.(Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: "**Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**"[2].; "**Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**"[3] u r-"**Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**"[4] kif citati fis-sentenza ricenti "**Ir-Repubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo**"[5]);

Jigi rilevat li kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idejalment tinghata fid-dawl tal-antecedenti penali tal-hati; meta, imbghad, wahda mill-akkuzi li jkunu qed jigu ammessi tkun proprju dik tar-recidiva, ikun hemm kwazi obbligu fuq il-Qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza.

Ammissjoni bikrija "*mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena*", u jiddependi hafna mic-cirkostanzi tal-kaz u minn kemm kienet bikrija l-ammissjoni. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghall-kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li l-Qorti ta' l-Appell u Qrati ohra ta' Appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Il-Qorti esaminat il-fedina penali tal-imputat u minn esami ta' l-istess jirrizulta li hemm diversi *convictions* registrati fuqha u dan sa mis-sena 1999 sa illum hemm sittax-il conviction li jittrattaw dwar htija ta' reati ta' serq aggravat, pussess ta' droga, ricettazzjoni, reati li ghandhom x'jaqsmu ma ksur tal -Ordinanza tat- Traffiku, fejn inghata diversi pieni fosthom dawk ta' probation orders, suspended sentences, hlas ta' multi u anke sentenzi ta' prigunerija effettiva. Cio' nontante, l-appellaant ma tghallimx u

[2] Deciza fit-2 ta Ottubru 2002
[3] Deciza fit-13 ta Novembru 2003
[4] Deciza fl-14 ta Gunju 1999
[5] Deciza fl-3 ta Dicembru 2015.

rega' qieghed il-Qorti jappella minn sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta. Jidher li l-appellant ilu jbati bil-problema ta' abbuz ta' droga zgur sa mis-sena 2000 u cioe' il-perijodu ta' tmintax il-sena u dan ghaliex kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu, l-ewwel conviction tieghu dwar pusess ta' droga inghatat fi-15 ta' Dicembru, 2000 meta kien instab hati ta' pusess ta' droga eroina u kien inghata probation. Rega' nstab hati tal-istess reat ta' pussess tad-droga eriona sena wara fis-sena 2001 u rega' inghata probation ohra u darb ohra fis-sena 2008 fejn inghata multa, darb ohra fis-sena 2009 meta inghata probation, darba ohra fis-sena 2011 fejn inghata sentenza ta' prigunerija ghall-perijodu ta' sitt xhur effettivi, darb ohra fis-sena 2013 fejn inghata sentenza ta' sitt xhur prignerija ohra u darba ohra f'Jannar tas-sena 2018 fejn gie kkundannat ihallas multa .

Din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat jew appellant u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu pero' meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti thoss li l-appellant mhux vera ghandu x-xewqa li jindirizza din il-probelma u hija biss skuza. Bizzejjed jinghad dak li huwa qal lil probation officer li lanqas ma kienx interessaat li jigi imhejji pre-sentencing report. Minn esami ta' dan ir-rapport li evetwalment gie ipprezentat, jidher car li l-appellant ma jridx jitghallem mill-passat tieghu u mill-opportunitajiet li gie mghoti, izda irid jippersisti fil-hajja ta' kriminalita'. Hemm nuqqas ta' hegga kbria da parti tal-appellant li jirriforma ruhu u ghalhekk zgur li mhux il-kaz li japplika dak li hemm indikat fis-sentenzi mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta citati minnu fir-rikors tal-appell tieghu.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata. Din il-Qorti qieghda ukoll tikkonferma ir- rakomandazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghati kul ghajnuna misthoqqa lill-appellant biex jindirizza il-problema il huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u sincerament tittama li l-appellant din id-darba japprofitta ruhu minn tali ghajnuna bil-ghan li forsi din tkun l-ahhar darba li l-appellant jinsab il-habs.

In vista' ta' dan l-appell qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur